IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2014
COM(2014) 465 final/2

2014/0217 (COD)

CORRIGENDUM:
This document corrects document COM(2014) 465 final of 16.07.2014.
Concerns all linguistic versions.
A new paragraph 3.1 and a new recital (17) concerning the principles of subsidiarity and proportionality have been added.
Cross-references in Articles 7(b) and (c), 9(d) and 9(1), 10(2), 13(1), 16(4), 31(1), 36(2)(b) and (d), 37(1), (2) and (4) and Point 2.3 in the Legislative Financial Statement, have been corrected.

The text shall read as follows:

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi (CEPOL), li jħassar u jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Kuntest politiku

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), stabbilit bħala aġenzija tal-UE fl-2005 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI[1], jieħu ħsieb attivitajiet relatati mat-taħriġ ta' uffiċjali anzjani tal-infurzar tal-liġi. Huwa għandu l-għan li jiffaċilita l-koperazzjoni bejn il-forzi nazzjonali tal-pulizija billi jorganizza korsijiet b'dimensjoni polizjeska Ewropea. Huwa jiddefinixxi wkoll kurrikuli komuni dwar suġġetti speċifiċi, ixerred riċerka rilevanti u l-aħjar prassi, jikkoordina programm ta' skambju għall-uffiċjali għolja tal-pulizija u ħarrieġa, u għal proġetti speċifiċi jista' jaġixxi bħala sieħeb tal-benfiċjarji ta' għotjiet tal-UE. Is-sede tiegħu kienet trasferita minn Bramshill, ir-Renju Unit għal Budapest, l-Ungerija, bir- Regolament (UE) Nru 543/2014 tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI, li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Mejju 2014.

Fis-27 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Regolament li jaġġorna l-qafas ġuridiku tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[2]. Fir-rigward tas-CEPOL u t-taħriġ ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, din il-proposta fittxet li tilħaq tliet għanijiet. L-ewwel nett, hija proponiet li tgħaqqad is-CEPOL mal-Europol biex jinħolqu sinerġiji bejn xogħol operazzjonali ta' infurzar tal-liġi u attivitajiet ta' taħriġ, u biex isir iffrankar amministrattiv li jkun investit f'taħriġ. It-tieni nett, hija fittxet li ssaħħaħ l-abbiltà tal-aġenzija fuża għall-appoġġ tat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi fl-UE billi tagħtiha s-setgħat meħtieġa biex timplimenta skema Ewropea ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi (LETS) ippubblikata mill-Kummissjoni fl-istess ħin bħall-proposta għal Regolament ġdid tal-Europol[3]. It-tielet ħaġa, hija fittxet li tallinja r-regoli dwar il-governanza mal-Approċċ Komuni għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE kif endorsjat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'Lulju 2012.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma qablux mal-fużjoni proposta tas-CEPOL mal-Europol. Minflok, regolament (propost mill-Istati Membri skont l-Artikolu 76 TFUE u bbażat fuq l-Artikolu 87(2)(b) tat-TFUE) li jċaqlaq is-sede tas-CEPOL bħala aġenzija indipendenti għal Budapest, l-Ungerija, kien adottat fis-6 ta' Mejju 2014[4]. Minħabba l-oppożizzjoni għall-fużjoni proposta, partijiet oħra tal-proposta tal-Europol b'rabta ma' taħriġ ma ġewx diskussi fid-dettall mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Ir-Regolament li jirriloka s-CEPOL għal Budapest, l-Ungerija, jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq rapport dwar l-effikaċja tad-Deċiżjoni, jekk ikun xieraq akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-Aġenzija. Din il-proposta għal regolament twieġeb għal dik l-istedina. Hija tirrifletti wkoll is-sejħa fil-Programm ta' Stokkolma[5] biex jiżdied it-taħriġ dwar kwistjonijiet relatati mal-UE u biex tali taħriġ isir sistematikament aċċessibbli għall-professjonisti tal-infurzar tal-liġi rilevanti kollha, u t-talba tal-Parlament Ewropew għal politika Ewropea ta' Taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex tkun indirizzata dejjem aktar in-natura

1 ĠU L 256 tal-1 ta' Ottubru 2005.
2 COM(2013) 173/2 finali.
3 COM(2013) 172 finali.
4 Dan ir-Regolament jemenda l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI li jagħżel Bramshill, ir-Renju Unit, bħala s-sede.
5 Il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sikura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, ĠU C115, 4.5.2010, p. 1.

kumplessa u internazzjonali tal-kriminalità gravi[6]. Hija konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Interna tas-Sigurtà fl-Azzjoni[7], u l-Approċċ Komuni għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE. Il-ħtieġa li jiġi żviluppat taħriġ fil-livell tal-UE tal-persunal tal-infurzar tal-liġi biex tkun appoġġata bis-sħiħ il-kooperazzjoni prattika u l-implimentazzjoni tal-LETS ġiet ukoll identifikata bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-ġejjieni fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa miftuħa u sigura: nagħmluha realtà"[8].

Din il-proposta għal regolament — ħlief fir-rigward tal-kwistjoni tal-fużjoni tas-CEPOL mal-Europol li minn dakinhar ġiet deċiża mill-koleġiżlaturi — tieħu minn ħidma preparatorja li saret fl-2011 u l-2012 mill-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-bażi ġuridika tas-CEPOL. Għalhekk tipprovdi għal qafas ġuridiku għal CEPOL ġdid b'objettivi usa' u governanza modernizzata, li jirrevoka u jissostitwixxi s-CEPOL kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/JHA.

1.2. Objettiv ġenerali

Matul l-aħħar għaxar snin, l-UE rat żieda fil-kriminalità serja u organizzata kif ukoll xejriet aktar varji fil-kriminalità.[9] Il-Valutazzjoni tat-theddid mill-kriminalità serja u organizzata tal-Europol tal-2013 (SOCTA 2013) sabet li "l-kriminalità serja u organizzata qiegħda dejjem aktar issir fenomenu dinamiku u kumpless, u għadha ta' theddida sinifikanti għas-sigurtà u l-prosperità tal-UE."[10] Il-kriminalita transnazzjonali tista' tkun miġġielda biss permezz ta' koperazzjoni transfruntiera, bil-pulizija, id-dwana, il-gwardja tal-fruntiera u awtoritajiet oħra li jaħdmu flimkien. Sakemm dawn l-awtoritajiet ma jkunux imħarrġa kif xieraq, u sakemm ma jkunx hemm fiduċja reċiproka suffiċjenti, tali koperazzjoni mhux se tkun effettiva. F'dan l-isfond, l-għanijiet strateġiċi u operazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera serja u organizzata u t-terroriżmu teħtieġ li tkun sostnuta minn taħriġ koerenti, rikonoxxut u ta' kwalità għolja f'oqsma speċjalizzati u ċentralment prijoritizzati għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-UE involuti f'kooperazzjoni transnazzjonali.

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta għal Regolament huwa għalhekk biex tittejjeb is-sigurtà tal-UE permezz tal-implimentazzjoni, mis-CEPOL, ta' approċċ ġdid ta' taħriġ għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-UE, b'mod konsistenti mal-prijoritajiet li qed jevolvu għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi operazzjonali.

L-approċċ — jew sistema ta' tagħlim — ġdid għat-taħriġ huwa stabbilit fl-Iskema ta' Taħriġ Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi (LETS), li għandha l-għan li tgħammar lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fil-gradi kollha (minn uffiċjali tal-pulizija sa gwardji tal-fruntieri u uffiċjali tad-dwana kif ukoll, fejn xieraq, uffiċjali oħra tal-Istat, bħalma huma l-prosekuturi) bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jipprevjenu u jiġġieldu effettivament il-kriminalità transfruntiera permezz ta' kooperazzjoni effiċjenti mal-kollegi tagħhom fi Stati Membri oħra, aġenziji tal-UE, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Sabiex tikseb l-objettiv ġenerali, din il-proposta għal Regolament tagħti lis-CEPOL żewġ

6 Ir-rapport tal-Kumitat speċjali għall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus tat-22.2.2013 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2014 dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Stokkolma

7 COM(2010) 673 finali.

8 COM(2014) 154 finali.

9 Europol (2011). Valutazzjoni tat-theddida tal-kriminalità organizzata fl-UE.

10 Europol (2013). Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA).

kompiti prinċipali: **1)** it-twassil ta' skambji u taħriġ rilevanti fil-livell tal-UE u **2)** il-kordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi (LETS) billi jwettaq valutazzjonijiet strateġiċi tal-htiġijiet ta' taħriġ u jiżgura qafas komuni kwalità għat-taħriġ għall-infurzar tal-liġi.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Fl-2010 u l-2011 saru djalogi dwar it-tħejjija tar-riforma tal-Europol, is-CEPOL u tat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi fl-UE bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Bord tal-Maniġment tal-Europol u l-Korp tat-Tmexxija tas-CEPOL, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali.

2.1 Studji Esterni

Evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tas-CEPOL twettqet fl-2010-2011 f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni tas-CEPOL[11]. Ir-rapport finali ġie ppreżentat lill-Bord ta' Governanza tas-CEPOL fil-31 ta' Jannar 2011[12]. **Studju estern** indipendenti, ikkummissjonat bħala appoġġ għat-tħejjija tal-Valutazzjoni tal-Impatt, ivvaluta l-funzjonament tas-CEPOL u l-leġiżlazzjoni li tirregola s-CEPOL fid-dawl tal-objettivi fil-Programm ta' Stokkolma u analizza l-impatti ta' azzjonijiet possibbli fil-ġejjieni. Varjetà wiesgħa ta' partijiet interessati ġew ikkonsultati, jiġifieri rappreżentanti minn partijiet ikkonċernati nazzjonali tas-CEPOL, l-utenti tal-attivitajiet tas-CEPOL u esperti fil-qasam tal-koperazzjoni u t-taħriġ tal-pulizija. L-istudju kien ippreżentat lill-Kummissjoni fit-23 ta' April 2012[13].

2.2 Konsultazzjonijiet esterni

Barra minn hekk, il-Kummissjoni involviet lill-Istati Membri kollha fil-valutazzjoni tal-funzjonament tad-Deċiżjoni tas-CEPOL u r-reviżjoni tagħha. Ir-rwol futur tas-CEPOL kien diskuss ukoll fil-kuntest ta' diversi sessjonijiet ta' ħidma biex jinġabru l-ideat dwar l-Iskema Ewropea ta' Taħriġ organizzata mill-Kummissjoni fit-tieni nofs tal-2011 u l-ewwel parti tal-2012. Fis-7 ta' Frar 2012 il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma ta' konsultazzjoni b'20 parteċipant, prinċipalment minn UK, FR, DE, ES, DK, BE, SK, PL, CEPOL, biex tivvaluta l-problemi identifikati fl-istudju kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet u biex tikkunsidra alternattivi. Fit-3 ta' Mejju 2012 il-Kummissjoni organizzat konferenza konsultattiva b'60 parteċipant mill-Istati Membri kollha.

2.3 Konsultazzjonijiet interni

Id-DĠ HOME wettaq konsultazzjoni interna permezz tat-twaqqif ta' Grupp Speċifiku Bejn is-Servizzi (ISSG), bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tas-SĠ, is-SJ, id-DĠ HR, BUDG, JUST, IAS, OLAF u s-SEAE. Il-laqgħat tal-ISSG saru fil-15 ta' Marzu, il-21 ta' Mejju, u l-5 ta' Ġunju 2012.

2.4 Valutazzjoni tal-Impatt

Skont il-politika ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet żewġ valutazzjonijiet tal-impatt tal-alternattivi ta' politika dwar il-Europol u s-CEPOL.

---

[11] Studju fuq evalwazzjoni ta' ħames snin ta' attività tas-CEPOL fil-21.1.2011 Consortium Blomeyer & Sanz, Centre for Strategy u Evaluation Studies LLP u Evalutility Ltd.

[12] www.cepol.europa.eu

[13] Stħarriġ dwar l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 20905/681/ĠAI li jwaqqf l-attività tas-CEPOL. Ir-Rapport finali tal-21.4.2012 – GHK Consultants.

Il-valutazzjoni tal-impatt dwar is-CEP kienet ibbażata fuq żewġ objettivi ta' politika li (i) jkun żgurat taħriġ ta' kwalità aħjar, iktar marbut u iktar konsistenti għal firxa usa' ta' uffiċjali għall-infurzar tal-liġi fi kwistjonijiet ta' kriminalita transfruntiera u (ii) jkun stabbilit qafas biex jinkiseb dan skont l-Approċ Komuni dwar l-aġenziji diċentralizzati tal-UE. Meta ppreżentat Skema ta' Taħriġ dwar l-Infurzar tal-Liġi, li l-implimentazzjoni tagħha se tkun teħtieġ riżorsi addizzjonali, il-Kummissjoni eżaminat diversi alternattivi inkluż it-tisħiħ u razzjonalizzazzjoni tas-CEPOL bħala aġenzija separata u l-fużjoni, parzjali jew totali, tal-funzjonijiet tas-CEPOL u l-Europol f'aġenzija Europol ġdida.

Skont il-metodoloġija stabbilita tal-Kummissjoni, kull alternattiva ta' politika ġiet ivvalutata, bl-għajnuna ta' grupp ta' tmexxija bejn is-servizzi, għall-impatt tagħha fuq is-sigurtà, dwar l-ispejjeż (inklużi fuq il-baġit tal-istituzzjonijiet tal-UE) u kontra l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali.

L-analiżi tal-impatt kumplessiv wasslet, fil-kuntest tal-proposta għal Regolament tal-Europol, għall-għażla ta' politika preferuta li kienet l-amalgamazzjoni tas-CEPOL fil-Europol. Madankollu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma qablux mal-fużjoni proposta, u lanqas mal-għażla alternattiva li ż-żewġ aġenziji jkunu kollokati fl-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi[14], u ddeċiedew li jittrasferixxu lis-CEPOL, bħala aġenzija indipendenti, f'Budapest.

Din il-proposta għal regolament għaldaqstant tħalli lis-CEPOL bħala aġenzija indipendenti, bis-sede tiegħu f'Budapest. Kwalunkwe għażla oħra, f'dan il-punt, tiġġenera kostijiet addizzjonali u toħloq inċertezza għall-futur tal-Aġenzija u l-persunal tagħha li taffettwa b'mod avvers l-abilità tagħha li tikseb l-objettivi tagħha.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 87(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-bażi ġuridika għal din il-proposta.

3.1. Sussidjarjetà u proporzjonalità

Ma hemm l-ebda obbligu skont it-Trattat ta' Lisbona sabiex jiġu emendati l-bażi legali u l-missjoni tas-CEPOL. Madankollu, it-tisħiħ tal-bażi legali tas-CEPOL huwa appoġġat minn diversi dokumenti importanti tal-politika tal-UE, bħal pereżempju l-Programm ta' Stokkolma. Il-Parlament u l-Kunsill irrakkomandaw politika Ewropea tat-taħriġ biex li tħejji lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jindirizzaw in-natura dejjem aktar internazzjonali tal-kriminalità serja u organizzata fuq il-bażi ta' fiduċja reċiproka.

Id-Deċiżjoni attwali ma tippermettix lis-CEPOL biex jopera b'mod effettiv u konsistenti skont il-ħtiġijiet tat-taħriġ tal-UE, li qegħdin dejjem jevolvu. L-UE teħtieġ li tiffamiljarizza l-forzi tal-pulizija diversi ħafna tagħha mal-għodod u l-istrumenti li ġew żviluppati biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-iskambju tal-informazzjoni. Dan l-għan jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-UE, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

---

[14] Fix-xenarju ta' kolokazzjoni, CEPOL kien iżomm l-awtonomija ġuridika,il-governanza, il-baġit, il-missjonijiet u l-mandat tiegħu, iżda kien jikkondividi ċertu servizzi amministrattivi mal-Europol.

3.2 Objettiv u kontenut tal-proposta leġiżlattiva

Din il-proposta għandha l-għan li:

tagħti lis-CEPOL, il-mandat legali xieraq u r-riżorsi neċessarji biex timplimenta l-isforz ta' taħriġ dettaljat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar LETS ippubblikata f'Marzu tal-2013.
Ittejjeb il-governanza tas-CEPOL, billi timmira li tiżdied l-effiċjenza u tallinjah mal-prinċipji stabbiliti fl-Approċċ Komuni għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE.

3.3 L-implimentazzjoni ta' approċċ Ewropew għat-taħriġ

Il-Komminikazzjoni tal-Kummissjoni dwar LETS għandha l-għan li tagħmel aktar effettiv ir-rispons tal-UE għall-isfidi komuni għas-sigurtà, li tgħolli l-istandard tal-pulizija madwar l-UE u tistimola l-iżvilupp ta' kultura komuni tal-infurzar tal-liġi bħala mezz biex jiżdiedu l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni. Hija tipprova tiddentifika u tindirizza n-nuqqasijiet fit-taħriġ eżistenti għall-infurzar tal-liġi dwar kwistjonijiet transfruntiera billi tappoġġja u, fejn xieraq, tikkoordina t-twettiq tat-taħriġ minn ċentri Ewropej u nazzjonali ta' eċċellenza[15]. Biex timplimenta l-isforz tat-taħriġ maħsub minn din il-Komunikazzjoni, din il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tagħti lis-CEPOL il-mandat legali xieraq u r-riżorsi meħtieġa.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tas-CEPOL jitwessa sabiex ikun jista' jappoġġa, jiżviluppa, jagħti u jikkoordina attivitajiet ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fil-livelli kollha (mhux biss uffiċjali tal-pulizija ta' livell għoli kif inhu l-każ fid-Deċiżjoni attwali tas-CEPOL) kif ukoll lill-uffiċjali tad-dwana u ta' servizzi rilevanti oħra li jittrattaw servizzi rilevanti oħra.

Il-proposta tikkunsidra li l-Aġenzija se tibqa bbażata fuq netwek li tgħaqqad in-netwerk tal-istituti ta' taħriġ tal-Istati Membri għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u li tikkomunika ma unità nazzjonali unika f'kull Stat Membru.

L-objettivi tas-CEPOL huma aġġornati u kkjarifikati sabiex l-Aġenzija tkun tista' ttejjeb is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien tal-istrumenti internazzjonali u dawk tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni Ewropea; jinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-koperazzjoni reġjonali jew bilaterali fost l-Istati Membri; jindirizza oqsma tematiċi speċifiċi ta' reati jew pulizija fejn taħriġ fil-livell tal-UE jista' jżid il-valur flimkien mal-livell nazzjonali; u jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ xieraq u preliminari għall-parteċipazzjoni f'missjonijiet ċivili fil-Pajjiżi terzi.

Il-kompiti tas-CEPOL huma definiti f'dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ strateġiku biex jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna u l-aspetti esterni tagħha, f'konformità maċ-ċikli ta' politika rilevanti u bl-introduzzjoni ta' sistema akkreditata ta' ċertifikazzjoni.

3.4 Governanza mtejba

15 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq pjan direzzjonali tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u t-twettiq immexxi mis-CEPOL, il-konsultazzjonijiet mal-esperti tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI f'erba' laqgħat tal-esperti u tliet konferenzi, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew, li saru fl-2011 u l-2012.

Il-proposta ttejjeb il-governanza tas-CEPOL bir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri notevolment fir-rigward tal-Bord Maniġerjali u d-Direttur Eżekuttiv, u billi tallinja s-CEPOL mal-prinċipji stabbiliti fl-Approċ Komuni dwar l-aġenziji diċentralizzati tal-UE, filwaqt li tikkunsidra li s-CEPOL, bħala ċentru tal-attivitajiet ta' tagħlim tal-UE, għandu jkompli jserraħ fuq in-netwerk tal-istituzzjonijiet ta' taħriġ tal-Istati Membri u jikkomunika ma unità unika nazzjonali f'kull Stat Membru.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma rappreżentati fuq il-Bord tal-Maniġment tas-CEPOL. f'konformità mal-mandat tal-Aġenzija, il-membri tal-Bord Maniġerjali jinħatru abbażi tal-għarfien tagħhom dwar it-taħriġ tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, fil-waqt li jkunu kkunsidrati l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-Bord Maniġerjali se jingħata parir minn kumitat xjentifiku dwar kwistjonijiet ta' taħriġ tekniku (il-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ).

Il-Bord tal-Maniġment qed jingħata s-setgħat meħtieġa, sabiex b'mod partikolari jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa u d-dokumenti tal-ippjanar, jistabbilixxi proċeduri trasparenti ta' ħidma għat-teħid tad-deċiżjonijiet mid-Direttur Eżekuttiv tas-CEPOL, jadotta r-rapport ta' attività annwali, u jaħtar Direttur Eżekuttiv.

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti ta' kuljum tas-CEPOL, id-Direttur Eżekuttiv huwa r-rappreżentant ġuridiku u l-maniġer tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv huwa kompletament indipendenti fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u jiżgura li s-CEPOL qiegħed iwettaq il-kompiti previsti f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli mill-preparazzjoni tal-baġit u d-dokumenti tal-ippjanar sottomessi għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Maniġment, l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali u multiannwali tas-CEPOL u dokumenti oħra ta' ppjanar.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament ma jkollha l-ebda implikazzjoni finanzjarja addizzjonali kif deskritt fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva fl-anness. Ċifri inklużi fid-dikjarazzjoni finanzjarja jikkombinaw l-ammont totali previst għas-CEPOL kif inhu ppjanat għall-perjodu finanzjarju tal-2016-2020 (il-Komunikazzjoni COM(2013)519) inkluż il-ħtiġijiet finanzjarji ta' EUR 3,710 miljun li huma neċessarji biex ikun implimentat il-mandat relatat mal-iskema ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi.

Se jkun meħtieġ ammont addizzjonali ekwivalenti għal 4 ħaddiema "full-time" biex jiġu implimentati l-kompiti ġodda relatati mat-taħriġ tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, jiġifieri l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Iskema tat-Taħriġ Ewropew dwar l-Infuzar tal-Liġi. Il-kompitu speċifiku tal-persunal addizzjonali se jkun li jikkordina l-erba' fergħat tal-Iskema biex ikun żgurat li l-attivitajiet ta' taħriġ jinbnew fuq l-analiżi regolari tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u jissodisfaw il-kwalità għolja tat-twettiq. Addizzjonalment, se jkun rekrutat FTE għall-kariga ta' Konsulent Legali skont il-parir tal-Ombudsman Ewropew. Waqt li junu kkunsidrati l-karigi addizzjonali diġà previsti fil-Kommunikazzjoni COM(2013)519, FTE wieħed biss għandu jkun rekrutat fl-2016 u FTE addizzjonali għandu jkun rekrutat fl-2017, u l-kariga addizzjonali prevista għall-2018 fil-Komunikazzjoni COM(2013)519 għandha titmexxa 'l quddiem fl-2017. Sabiex ikunu konformi mat-tnaqqis ta' 5 %, dawn il-modifiki għall-KOmunikazzjoni jkunu jeħtieġu kumpens eżatt u għalhekk huma suġġetti għad-disponibbiltà tar-riżorsi fil-pula tal-Aġenziji permezz tal-proċeduri baġitarji normali, li jirriżultaw f'kostijiet stmati għall-persunal ta' EUR 1,305 miljun matul il-perjodu 2016-2020.

Kostijiet tal-persunal stmati għal EUR 6,092 miljun (eskluż it-tariffi tal-iskola) se junu ffrankati matul il-perjodu 2016-2020 b'riżultat tar-rillokazzjoni minn Bramshill għal Budapest u d-differenza fil-koeffiċjent ta' korrezzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Ungerija. It-tariffi skolastiċ i għat-tfal tal-persunal tas-CEPOL se jikkostitwixxu kost addizzjonali ta' EUR 1,868 miljun matul l-istess perjodu ta' żmien.

Huwa stmat li madwar EUR 0,658 miljun se jiġu ffrankati b'riżultat ta' kostijiet aktar baxxi għall-bini, għat-tagħmir u l-infiq tal-bord tal-maniġment matul l-istess perjodu.

Ir-rilokazzjoni ta' madwar 40 persunal mis-sitt attwali tas-CEPOL fi Bramshill, ir-Renju Unit, għas-sit il-ġdid f'Budapest, l-Ungerija, se jkun seħħ qabel din il-proposta għal Regolament tidħol fis-seħħ.

Għalhekk, it-total tal-impatt fuq il-baġit tal-proposta leġiżlattiva jammonta għal EUR 45,383 miljun għas-CEPOL, bħala Aġenzija indipendenti stabbilita f'Budapest, matul il-perjodu 2016-2020.

2014/0217 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi (CEPOL), li jħassar u jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva ,

Billi:

(1) Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija twaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI[16] bħala entità tal-Unjoni biex tħarreġ uffiċjali għolja tal-puluzija tal-Istati Membri u biex tiffaċilita l-koperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija nazzjonali billi torganizza u tikkordina attivitajiet ta' taħriġ b'dimensjoni polizjeska Ewropea.

(2) Il-Programm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini' tistabbilixxi l-mira li tinħoloq kultura Ewropea ġenwina tal-infurzar tal-liġi billi jiġu stabbiliti skemi ta' taħriġ u programmi ta' skambju Ewropej għall-professjonisti tal-infurzar tal-liġi rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

(3) L-Iskema Ewropea ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi (LETS)[17] twieġeb għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew, fil-Programm ta' Stokkolma, biex jiżdied it-taħriġ dwar kwistjonijiet relatati mal-Unjoni u tagħmlu sistematikament aċċessibbli għall-professjonisti tal-infurzar tal-liġi rilevanti kollha, u li titlob mingħand il-Parlament Ewropew qafas tal-Unjoni aktar b'saħħtu għal taħriġ ġudizzjarju u tal-pulizija.

(4) L-iżvilupp ta' taħriġ fil-livell tal-Unjoni għal-persunal tal-infurzar tal-liġi biex ikunu appoġġati l-koperazzjoni prattika u l-implimentazzjoni sħiħa tal-LETS jirrappreżenta prijorità ewlenija fis-snin li ġejjin f'dak il-kuntest.

(5) simplifikazzjoni u titjib tal-funzjonament tas-CEPOL, fid-dawl tal-LETS, twessa l-possibilitajiet għas-CEPOL biex jappoġġa, jiżviluppa, iwettaq u jikkoordina l-attivitajiet ta' taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għall-inizjattivi nazzjonali meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tat-taħriġ tal-persunal għall-infurzar tal-liġi.

[16] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/820/ĠAI (ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63).

[17] COM(2013) 172 finali.

(6) Biex ikun żgurat li t-taħriġ għall-persunal għall-infurzar tal-liġi huwa ta' kwalità għolja, koerenti u konsistenti,, CEPOL, għandu jfittex li jistrutturah skont il-prinċipji tal-Iskema ta' Taħriġ dwar l-Infurzar tal-Liġi. taħriġ fil-livell tal-unjoni għandu jkun disponibbli lill-uffiċjali għall-infurzar tal-liġi fil-livelli kollha. CEPOL għandu jiżgura li t-taħriġ jiġi evalwat u li l-konklużjonijiet mill-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tat-taħriġ ikunu parti mill-ippjanar biex titjieb l-effikaċja ta' azzjonijiet futuri. CEPOL għandu jippromwovi r-rikonoxximent fl-Istati Membri tat-taħriġ ipprovdut fil-livell tal-Unjoni.

(7) Biex tkun evitata d-dupplikazzjoni fl-attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal kompetenti għall-infurzar tal-liġi, li jitwettqu mill-Aġenziji eżistenti tal-Unjoni Ewropea u korpi rilevanti oħra, CEPOL għandu jivvaluta l-ħtiġijiet ta' taħriġ strateġiku u jindirizza l-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà interna u l-aspetti esterni tagħha, skont iċ-ċikli rilevanti tal-politika.

(8) Biex jissodisfa l-objettivi tiegħu, CEPOL, bħala ċentru ta' attivitajiet ta' tagħlim tal-Unjoni, għandu jżomm u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni man-netwerk tal-istuzzjonijiet ta' taħriġ tal-Istati membri. Huwa għandu jkun ulterjorment appoġġat minn "Unità Nazzjonali" f'kull Stat Membru. L-attivitajiet tal-Unitajiet Nazzjonali għandhom ikunu kkoordinati fil-livell tal-Unjoni minn CEPOL.

(9) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu rrappreżentati fuq il-Bord tal-Maniġment tas-CEPOL sabiex jissupervizzaw b'mod effettiv l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Il-Bord tal-Maniġment għandu jikkonsisti minn membri maħtura abbażi tal-esperjenza tagħhom fl-immaniġġjar ta' organizzazzjonijiet mis-settur pubbliku jew privat u l-għarfien tagħhom fil-politika nazzjonali dwar it-taħriġ għall-uffiċjali għall-infurzar tal-liġi. Il-Bord għandu jingħata s-setgħat neċessarji biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta regoli finanzjarji xierqa u strateġija għas-CEPOL, jistabbilixxi proċeduri xierqa u trasparenti ta' ħidma għat-teħid tad-deċiżjonijiet mis-CEPOL, jaħtar Direttur, jistabbilixxi indikaturi ta' prestazzjoni u jeżerċita setgħat tal-awtorità ta' ingaġġ, skont ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra.

(10) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament effiċjenti ta' kuljum tas-CEPOL, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant ġuridiku u l-maniġer tiegħu, jaġixxi b'indipendenza sħiħa fl-eżerċizzju tad-doveri kollha tiegħu u jiżgura li s-CEPOL iwettaq il-kompiti previsti f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli mill-preparazzjoni tad-dokumenti tal-baġit u tal-ippjanar sottomessi għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Maniġment, li jimplimentaw l-programmazzjoni annwali u pluriennali u l-programmi ta' ħidma annwali tas-CEPOL.

(11) Biex tkun żgurata l-kwalità xjentifika tax-xogħol tas-CEPOL, għandu jittwaqqaf Kumitat Xjentifiku, bħala korp konsultattiv indipendenti, magħmul minn persuni indipendenti tal-ogħla livell akkademiku jew professjonali fis-suġġetti koperti minn dan ir-Regolament.

(12) CEPOL għandu jiżgura li t-taħriġ tiegħu jintegra żviluppi rilevanti fir-riċerka u jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' sħubijiet iktar b'saħħithom bejn l-universitajiet u l-istituti tat-taħriġ għall-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri.

(13) Sabiex tkun żgurata l-awtonomija sħiħa u l-indipendenza tas-CEPOL, dan għandu jingħata baġit awtonomu bi dħul li jiġi essenzjalment minn kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni għandha tkun applikabbli safejn għandhom x'jaqsmu l-kontribut tal-Unjoni u kwlaunkwe sussidju ieħor debitabbli lill-baġit tal-Unjoni Ewropea. L-awditjar tal-kontijiet għandu jsir mill-Qorti tal-Awdituri;

(14) Għall-iskop li jwettaq il-kompiti tiegħu, CEPOL għandu jkun jista' wkoll jagħti għotjiet lill-istituzzjonijiet tat-taħriġ u r-riċerka tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-korsijiet, is-seminars u l-konferenzi tas-CEPOL. Għotjiet mgħotija lill-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu ulterjorment għat-trawwim tal-koperazzjoni fin-netwerk u għall-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tal-infurzar tal-liġi.

(15) Għall-iskop li jwettaq il-missjoni tiegħu u sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, CEPOL għandu jkun jista' jikkoopera ma' Aġenziji oħra tal-Unjoni Ewropea u ma' korpi rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi mal-istituti ta' taħriġ nazzjonali ta' pajjiżi terzi abbażi tal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI,

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] għandu japplika għal CEPOL,

(17) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' entità responsabbli għat-taħriġ tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-Unjoni, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista', għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(18) Dan ir-regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxui partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt għall-privatezza kif protetti mill-Artikoli 8 u 7 tal-karta, kif ukoll bl-Artikolu 16 tat-Trattat.

(19) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-Żona tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] JEW [Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-Żona tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri mhux se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux se jkunu marbuta mill-applikazzjoni tiegħu jew ikunu soġġetti għalih.

(20) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[18] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

KAPITOLU I

OBJETTIVI U KOMPITI TAL-AĠENZIJA

Artikolu 1

Stabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi

1. Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ dwar l-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) hija b'dan stabbilita biex trawwem politika koerenti Ewropea għat-taħriġ fl-Infurzar tal-liġi.

2. CEPOL, kif stabbilit minn dan ir-Regolament jissostitwixxi u jissuċċedi s-CEPOL kif stabbilit mid-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "Uffiċjali tal-infurzar tal-liġi" tfisser uffiċjali tal-pulizija, tad-dwana u ta' servizzi oħra rilevanti, inklużi korpi tal-Unjoni, responsabbli mill-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tolqot żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni u għall-immaniġġjar ta' kriżi u tal-pulizija internazzjonali ta' avvenimenti ewlenin.

(b) "Korpi tal-Unjoni" tfisser istituzzjonijiet, entitajiet, korpi, missjonijiet, uffiċċji u aġenziji stabbiliti minn, jew abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(c) "Organizzazzjonijiet internazzjonali" tfisser organizzazzjonijiet internazzjonali u l-korpi subordinati tagħhom regolati b'liġi pubblika internazzjonali jew korpi oħra li huma stabbiliti minn, jew abbażi ta' ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar, kif ukoll l-Interpol;

Artikolu 3

Objettivi

1. CEPOL jappoġġa, żviluppa u jikkordina taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, skont l-Iskema ta' Taħriġ dwar l-Infurzar tal-Liġi, partikolarment fl-oqsma tal-ġlieda kontra il-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar u t-terroriżmu, il-ġestjoni ta' avvenimenti b'riskju għoli għall-ordni pubblika u sportivi, ippjanar u treġija tal-missjonijiet tal-Unjoni, u wkoll tmexxija tal-infurzar tal-liġi u ħiliet lingwistiċi, sabiex:

(a) tinħoloq sensibilizzazzjoni u għarfien dwar:

(i) strumenti internazzjonali u tal-Unjoni dwar il-koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi;

(ii) korpi tal-Unjoni, partikolarment Europol, Eurojust u Frontex, l-operat u r-rwol tagħhom;

(iii) aspetti ġudizzjarji ta' koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u għarfien prattiku dwar l-aċċess għall-mezzi ta' informazzjoni;

(b) jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kooperazzjoni reġjonali u bilaterali fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, korpi tal-Unjoni u pajjiżi terzi;

(c) jindirizza oqsma tematiċi kriminali jew polizjeski speċifiċi fejn taħriġ fil-livell tal-Unjoni jista' jżid il-valur;

(d) ifassal kurrikuli komuni speċifiċi għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex iħarriġhom għal parteċipazzjoni f'missjonijiet tal-Unjoni;

(e) jappoġġja lill-Istati Membri u korpi tal-Unjoni f'attivitajiet ta' bini ta' kapaċità fl-infurzar tal-liġi f'pajjiżi terzi;

(f) iħarreġ lill-ħarrieġa u jassisiti fit-titjib u l-iskambju ta' prattiki tajba ta' tagħlim.

2. Is-CEPOL jiżviluppa u regolarment jaġġorna l-għodod u l-metodoloġiji tat-tagħlim u japplikahom f'perspettiva ta' tagħlim matul il-ħajja sabiex jissaħħu l-ħiliet tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Is-CEPOL jevalwa r-riżultati ta' dawk l-azzjonijiet bil-ħsieb li jtejjeb il-kwalità, il-koerenza u l-effikaċja ta' azzjonijiet futuri.

3. CEPOL jiġbor flimkien in-netwerk ta' istituzzjonijiet ta' taħriġ tal-Istati Membri għall-ufficjali tal-infurzar tal-liġi u jaħdem ma' unità nazzjonali waħdanija f'kull Stat Membru li jopera fin-netwerk, u l-awtoritajiet l-oħra kollha kompetenti fl-Istati Membri li l-kompiti tagħhom jinkludu t-taħriġ ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.

4. L-attivitajiet ta' tagħlim imsemmija fil-paragrafu 1 jkunu implimentati mis-CEPOL f'koperazzjoni man-netwerk tal-istituti ta' taħriġ tal-Istati Membri skont ir-regoli finanzjarji applikabbli għas-CEPOL.

Artikolu 4

Kompiti

1. CEPOL għandu jħejji analiżi strateġika multiannwali tal-ħtiġijiet tat-taħriġ u programmi ta' tagħlim pluriennali.

2. CEPOL jiżviluppa u jimplimenta attivitajiet ta' taħriġ u prodotti ta' tagħlim li jistgħu jinkludu:

(a) korsijiet, seminars, konferenzi, attivitajiet ibbażati fuq l-internet u tagħlim elettroniku;

(b) kurrikuli komuni ta' sensibilizzazzjoni, tindirizza laguni u/jew tiffaċilita approċċ komuni fir-rigward ta' fenomeni kriminali transfruntieri;

(c) moduli ta' taħriġ iggradati skont stadji progressivi jew livelli ta' kumplessità tal-ħiliet meħtieġa mill-grupp rilevanti fil-mira, u ffukati jew fuq reġjun ġeografiku definit jew fuq qasam tematiku speċifiku ta' attività kriminali jew fuq sett speċifiku ta' ħiliet professjonali;

(d) prgrammi ta' skambju u sekondiment tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fil-kuntest ta' approċċ għat-taħriġ operazzjonali.

3. Sabiex tiġi żgurata politika koerenti tat-taħriġ Ewropew b'sostenn għall-missjonijiet u l-bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi, CEPOL:

(a) jivvaluta l-impatt tal-politiki u l-inizjattivi eżistenti tal-Unjoni relatati mat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi;

(b) jiżviluppa u tipprovdi taħriġ sabiex jipprepara l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għal parteċipazzjoni f'missjonijiet tal-Unjoni, inkluż biex jippermettilhom jiksbu ħiliet lingwistiċi rilevanti, f'koordinazzjoni mal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża;

(c) jiżviluppa u jipprovdi taħriġ għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari mill-pajjiżi li huma kandidati għall-adeżjoni fl-Unjoni u l-pajjiżi fil-Politika Ewropea tal-Viċinat;

(d) jimmaniġġja fondi tal-Unjoni ddedikati għall-Assistenza Esterna biex jgħin pajjiżi terzi jibnu l-kapaċità tagħhom fl-oqsma ta' politika rilevanti, f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti tal-Unjoni.

4. Is-CEPOL jippromwovi r-rikonoxximent reċiproku tat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri u l-istandards ta' kwalità Ewropej eżistenti relatati.

5. CEPOL jista' jwettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess fl-oqsma li jaqgħu fil-mandat tiegħu. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni ma jkunux detrimentali għall-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 u jitwettqu skont il-pjanijiet relevanti ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni adottati mill-Bord Maniġerjali.

Artikolu 5

Riċerka rilevanti għat-taħriġ

1. Is-CEPOL jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riċerka rilevanti għall-attivitajiet ta' taħriġ koperti b'dan ir-Regolament partikolarment fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u kwistjonijiet krmininali transfruntieri iktar ġenerali fl-attivitajiet ta' taħriġ.

2. Is-CEPOL jippromwovi u jistabbilixxi sħubija ma' korpi tal-Unjoni kif ukoll ma' istituti akkademiċi pubbliċi u privati u tħeġġeġ il-ħolqien ta' sħubijiet iktar b'saħħithom bejn l-universitajiet u l-istituti tat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri.

KAPITOLU II

KOOPERAZZJONI BEJN L-ISTATI MEMBRI U S-CEPOL

Artikolu 6

L-Unitajiet Nazzjonali tas-CEPOL

1. Kull Stat Membru jistabbilixxi jew jaħtar unità nazzjonali responsabbli biex twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu. F'kull Stat Membru għandu jinħatar uffiċjal bħala l-Kap tal-unità nazzjonali. Il-Kap tal-unità nazzjonali jkun il-punt ta' kuntatt nazzjonali tas-CEPOL. Fejn possibbli, il-Kap tal-unità nazzjonali jkun ir-rappreżentat tal-Istat Membru fuq il-Bord Maniġerjali.

2. L-unitajiet nazzjonali:
   (a) fuq l-inizjattiva tagħhom jissupplixxu lis-CEPOL bl-informazzjoni neċessarja biex hu jwettaq il-kompiti tiegħu.

   (b) jikkontribwixxu għall komunikazzjoni u koperazzjoni effettivi tas-CEPOL mal-istituti ta' taħriġ rilevanti kollha, inkluz l-istituti televanti ta' riċerka fl-Istati Membri;

   (c) jikkontribwixxu għall-programmi ta' ħidma, il-kalendarji annwali u s-sit web tas-CEPOL u jippromwovuhom;

   (d) jirrispondu għal talbiet għall-informazzjoni u pariri mis-CEPOL;

3. Il-Kapijiet tal-unitajiet nazzjonali jiltaqgħu fuq bażi regolari, fuq talba tal-Bord Maniġerjali jew tad-Direttur Eżekuttiv, biex jassistu lis-CEPOL fi kwistjonijiet operazzjonali, u partikolarment biex:

   (a) jikkunsidraw u jiżviluppaw proposti li jtejbu l-effikaċja operazzjonali tas-CEPOL u jinkoraġġixxu impenn mill-Istati Membri;

   (b) jorganizzaw u jikkoordinaw nominazzjonijiet xierqa tal-parteċipanti għall-attivitajiet fil-livell nazzjonali fi żmien adegwat;

   (c) jikkoordinaw l-implimentazzjoni ta' attivitajiet u laqgħat fl-Istati Membri tagħhom;

   (d) jipprovdu appoġġ fl-istabbiliment ta' programmi ta' skambju għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi

4. Kull Stat Membru jistruttura l-organizzazzjoni u l-persunal tal-unità nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

KAPITOLU III

ORGANIZZAZZJONI TAS-CEPOL

Artikolu 7

Struttura amministrattiva u maniġerjali

L-istruttura amministrattiva u maniġerjali tas-CEPOL tinkludi:

(a) Bord Maniġerjali, li għandu jeżerċita l-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9;

(b) Direttur Eżekuttiv li jeżerċita r-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 14;

(c) Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ skont l-Artikolu 15;

(d) jekk xieraq, kwalunkwe korp konsultattiv ieħor stabbilit mill-Bord tal-Maniġment skont l-Artikolu 9(1).

TAQSIMA 1

BORD MANIĠERJALI

Artikolu 8

Kompożizzjoni

1. Il-bord Maniġerjali jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u żewġ rapreżentanti mill-Kummissjoni, kollha kemm huma bi drittijiet tal-vot.

2. Kull membru tal-Bord Maniġerjali jkollu sostitut. Is-sostitut jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu.

3. Il-Membri tal-bord Maniġerjali u s-sostituti tagħhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-taħriġ tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, waqt li jkunu kkunsidrati l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji tagħhom. Il-partijiet kollha rrappreżentati fil-Bord Amministrattiv għandhom jagħmlu sforzi biex jillimitaw iċ-ċaqliq tal-membri tagħhom, sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-ħidma tal-Bord Maniġerjali. Il-partijiet kollha għandhom jimmiraw biex jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-Bord Maniġerjali.

4. Il-mandat għall-membri u għall-membri sostituti jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat ikun jista' jiġi estiż.

Artikolu 9

Funzjonijiet

1. Il-Bord Maniġerjali:

(a) kull sena jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri intitolati għall-vot u skont l-Artikolu 10, dokument ta' programmazzjoni li jkun fih il-programmazzjoni pluriennali tas-CEPOL flimkien mal-programm ta' ħidma annwali gaħs-sena segwenti;

(b) jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu intitolati għall-vot, il-baġit annwali tas-CEPOL u jeżerċita funzjonijiet oħra fir-rigward tal-baġit tal-CEPOL skont il-Kapitolu IV;

(c) jadotta rapport konsolidat tal-attività annwali tal-attivitajiet tas-CEPOL u jibagħtu, sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. Ir-rapport annwali tal-attività konsolidat ikun ippubblikat;

(d) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għas-CEPOL skont l-Artikolu 20;

(e) jadotta strateġija interna kontra l-frodi, proporzjonata mar-riskji ta' frodi, filwaqt li jqis il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom ikunu implimentati;

(f) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, kif ukoll ta' membri tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ;

(g) jadotta l-pjanijiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 skont analiżi tal-ħtiġijiet u jaġġornahom regolarment;

(h) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu;

(i) f'konformità mal-paragrafu 2, jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tas-CEPOL, is-setgħat mogħtija lill-Awtorità tal-Ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra lill-Awtorità bis-Setgħa biex Tikkonkludi Kuntratti ta' Impjieg[19] ("setgħat tal-awtorità li taħtar");

(i) għall-programmazzjoni tal-2016 jadotta l-pjan ta' politika tal-persunal pluriennali, wara li jikkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni[20].

(j) jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa biex jimplimenta r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal;

(k) jistabbilixxi, fejn dan ikun rilevanti, kapaċita ta' awditjar intern;

(l) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u, fejn xieraq, jestendi l-mandat tiegħu jew ineħħih mill-uffiċċju b'konformità mal-Artikolu 22;

---

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968 p. 1) (Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapitolu 01, Volum 02, p. 5)

20 Kif previst fil-FFR (Ir-Regolament Delagat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013) l-informazzjoni li hemm fl-MSPP attwali hija parti mid-dokument il-ġdid ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(1)(a). Regoli ġodda japplikaw għall-programmazzjoni mill-1 ta' Jannar 2016; l-2017 hija l-ewwel sena koperta minn dokument ġdid ta' programmazzjoni. Għalhekk l-obbligazzjoni għal adozzjoni separata tal-MSPP teżisti biss sal-programmazzjoni tal-2016.

(m) jaħtar Uffiċjal tal-Kontijiet, soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali oħra, li għandu jkun totalment indipendenti fit-twettiq tal-dmirijietu;

(n) jaħtar lill-membri tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ

(o) jiżgura segwitu xieraq għal sejbiet u rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti interni u esterni tal-awditjar u evalwazzjonijiet, kif ukoll minn investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF);

(p) jieħu d-deċiżjonijiet kollha, waqt li jikkunsidra kemm ir-rekwiżiti tal-operat kif ukoll dawk finanzjarji, dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tas-CEPOL u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom.

(q) jadotta, fejn xieraq, regoli interni oħra.

2. Il-Bord Maniġerjali jadotta, skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Persunal Ieħor, waqt li jiddelega setgħat tal-awtorità tal-ħatra rilevanti lid-Direttur Eżekuttiv u jiddefenixxi l-kundizzjonijiet li fihom din id-delega ta' setgħat tista' tkun sospiża. Id-Direttur Eżekuttiv ikun awtorizzat li jissottodelega dawn is-setgħat.

3. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu dan, il-Bord Maniġerjali jista' jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Eċekuttiv u dawk is-setgħat subdelegati minn dan tal-aħħar u jeżerċitahom hu stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal li mhux id-Direttur Eżekuttiv.

Artikolu 10

Programmazzjoni annwali u pluriennali

1. Il-Bord Maniġerjali jadotta l-programm pluriennali u l-programm ta' ħidma annwali sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru kull sena, abbażi tal-abbozz imressaq mid-Direttur Eżekuttiv, waqt li jikkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-programmazzjoni pluriennali wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali. Il-Bord Maniġerjali jibgħat id-dokument ta' programmazzjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali.

Id-dokument ta' programmazzjoni isir definittiv wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali u, jekk ikun meħtieġ, jiġi aġġustat kif meħtieġ.

2. Il-programm pluriennali għandu jistipula programmazzjoni strateġiku komprensiv li jinkludi objettivi, ir-riżultati mistennija u indikaturi tal-Output. Għandu jistabbilixxi wkoll l-ippjanar tar-riżorsi, inkluż il-baġit pluriennali u l-persunal. Għandu jinkludi l-istrateġija għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-programmazzjoni pluriennali jkun implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma annwali u, fejn xieraq, jiġi aġġornat wara r-riżultati ta' evalwazzjonijiet esterni u interni msemmija fl-

Artikolu 31. Il-konklużjoni ta' dawn l-evalwazzjonijiet tkun riflessa wkoll, fejn xieraq, fil-programm ta' ħidma annwali għas-sena segwenti.

3. Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jinkludi objettivi dettaljati u riżultati mistennija, inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Ikun jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jkunu se jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, skont il-prinċipji tal-ibbaġittjar u tat-tmexxija bbażati fuq l-attività. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun koerenti mal-programm ta' ħidma pluriennali msemmi fil-paragrafi 1 u 2. Huwa jindika b'mod ċar il-kompiti li żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbla mas-sena preċedenti. Il-programmazzjoni annwali u/jew pluriennali tinkludi l-istrateġija għal relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 3 u l-azzjonjiet marbuta ma' dik l-istrateġija.

4. Il-Bord Maniġerjali għandu jemenda l-programm ta' ħidma annwali adottat meta jingħata kompitu ġdid lis-CEPOL.

Kull emenda sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali għandha tkun addottata bl-istess proċedura bħal tal-programm ta' ħidma annwali inizjali. Il-Bord Maniġerjali jista' jiddelega s-setgħa biex jagħmel emendi mhux sostanzjali għall-programm ta' ħidma annwali lid-Direttur Eżekuttiv.

Artikolu 11

Il-President

1. Il-Bord Maniġerjali għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri bi dritt tal-vot. Il-President u l-Viċi President jkunu eletti minn maġġornaza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bordijiet Maniġerjali bi drittijiet tal-vot.

Il-Viċi President awtomatikament jissostittwixxi lill-President jekk hu/hi ma j/tkunx jista' jaqdi dmirijietu.

2. Il-mandat tal-President u tal-viċi President ikun ta' erba' snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded darba. Jekk, madankollu, is-sħubija tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom jiskadi awtomatikament f'dik id-data.

Artikolu 12

Laqgħat

1. Il-President isejjaħ il-laqgħat tal-Bord Maniġerjali.

2. Id-Direttur Eżekuttiv tas-CEPOL għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, iżda ma jkollux dritt tal-vot.

3. Il-Bord Maniġerjali għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena f'sessjoni ordinarja. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq inizjattiva tal-President, fuq talba tal-Kummissjoni jew fuq it-talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

4. Il-Bord Maniġerjali jista' jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun rilevanti għad-diskussjoni biex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

5. Bla ħsara għar-Regoli Proċedurali, il-membri tal-Bord Maniġerjali jistgħu jkunu megħjunin minn konsulenti jew minn esperti.

6. Is-CEPOL jipprovdi s-segretarjat għall-Bord Maniġerjali.

Artikolu 13

Regoli tal-votazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 9(1)(a) u (b) u l-Artikolu 22(7), il-Bord Maniġerjali jieħu d-deċiżjonijiet permezz tal-maġġoranza tal-membri bi dritt għall-vot.

2. Kull membru bi dritt tal-vot ikollu vot wieħed. Fin-nuqqas ta' membru bid-dritt għall-vot, is-sostitut tiegħu/tagħha jkun intitolat jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu/tagħha.

3. Il-President jieħu sehem fil-votazzjoni.

4. Id-Direttur Eżekuttiv ma jiħux sehem fil-votazzjoni.

5. Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord Maniġerjali għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' votazzjoni aktar dettaljati b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi li fihom membru jista' jaġixxi f'isem membru ieħor.

TAQSIMA 2

DIRETTUR EŻEKUTTIV

Artikolu 14

Respomsabilitajiet tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv jimmaniġġja s-CEPOL. Id-Direttur Eżekuttiv irid jirrispondi lill-Bord Maniġerjali.

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Bord Maniġerjali, id-Direttur Eżekuttiv ikun indipendenti fit-twettiq tad-doveri u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet mingħand xi gvern jew minn xi korp ieħor.

3. Id-Direttur Eżekuttiv jirraporta lill-Parlament Ewropew dwar it-twettiq tad-doveri meta jkun mistieden jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirraporta dwar it-twettiq tad-doveri tiegħu/tagħha.

4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant ġuridiku tas-CEPOL.

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lis-CEPOL minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għal:

(a) l-amministrazzjoni ta' kuljum tas-CEPOL;

(b) li jagħmel proposti lill-Bord Maniġerjali fir-rigward tal-istabbiliment tal-istrutturi interni tas-CEPOL;

(c) deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Bord Maniġerjali;

(d) it-tħejjija tal-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali u l-programmazzjoni pluriennali u jressaqhom quddiem il-Bord tal-Maniġment wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni

(e) l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u l-programmazzjoni pluriennali u jirrapporta lill-Bord Maniġerjali dwar l-implimentazzjoni tagħhom;

(f) it-tħejjija tal-abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni xierqa biex jimplimenta r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal

(g) it-tħejjija tal-abbozz tar-rapport annwali konsolidat dwar l-attivitajiet tas-CEPOL u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Bord Maniġerjali għall-approvazzjoni;

(h) it-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni li jsegwi l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-awditjar u l-evalwazzjonijiet interni jew esterni, kif ukoll investigazzjonijiet mill-OLAF u jirrapporta dwar il-progress għand il-Kummissjoni darbtejn fis-sena u għand il-Bord Maniġerjali b'mod regolari;

(i) il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi japplika miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jiġu detetti xi irregolaritajiet, billi jirkupra l-ammonti mħallsa b'mod skorrett, u fejn xieraq, billi jimponi penali amministrattivi u finanzjarji li jkunu effettivi, proporzjonati u disważivi;

(j) it-tħejjija ta' abbozz ta' strateġija interna kontra l-frodi għas-CEPOL u l-preżentazzjoni tagħha lill-Bord tal-Maniġiment għall-approvazzjoni;

(k) it-tħejjija ta' abbozz ta' regoli finanzjarji applikabbli għas-CEPOL;

(l) it-tħejjija tal-abbozz tad-dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u n-nefqa tas-CEPOL u l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha.

(m) appoġġ lill-President tal-Bord Maniġerjali fit-tħejjija tal-laqgħat tal-Bord Maniġerjali;

(n) it-twettiq ta' kompiti oħra li joħorġu minn dan ir-Regolament

TAQSIMA 3

KUMITAT XJENTIFIKU GĦAT-TAĦRIĠ

Artikolu 15

Objettivi u kompiti

1. Il-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ għandu jkun korp konsultattiv indipendenti li jiżgura u jiggwida l-kwalità xjentifika tal-ħidma tas-CEPOL dwar it-taħriġ. Għal dak l-iskop, id-Direttur Eżekuttiv jinvolvi lill-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ kmieni dwar il-preparazzjoni tad-dokumenti kollha msemmija fl-Artikolu 9 sa fejn għanduu x'jaqsam it-taħriġ.

2. Il-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ għandu jkun magħmul minn ħdax-il (11) persuna tal-ogħla stima akkademika jew professjonali fis-suġġetti koperti mill-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Il-Bord Maniġerjali jaħtar lill-membri wara sejħa trasparenti għall-applikazzjonijiet u l-proċedura tal-għażla, li tkun ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-membri tal-Bord Maniġerjali ma jkunux membri tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ. Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ ikunu indipendenti. U la jfittxu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet minn xi gvern, u lanqas minn kwalunkwe korp ieħor.

3. Il-lista tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ tkun pubblika u tiġi aġġornata mis-CEPOL fil-websajt tiegħu.

4. Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ ikun ta' ħames snin. Dan ma jkunx rinnovabbli u l-membri tiegħu jistgħu jitneħħew mill-kariga jekk ma jissodisfawx il-kriterji ta' indipendenza.

5. Il-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ jeleġġi l-President u l-Viċi president tiegħu għal mandat ta' ħames snin. Huwa jadotta l-pożizzjonijiet b'maġġoranza sempliċi. Huwa jissejjaħ għal-laqgħat, mill-President tiegħu għal massimu ta' erba' laqgħat fis-sena. Jekk ikun neċessarju, il-President isejjaħ laqgħat straordinarji fuq l-inizjattiva tiegħu/tagħha stess jew fuq talba ta' mill-inqas erbgħa mill-membri tal-Kumitat.

6. Id-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha għandu jkun mistieden għal-laqgħat bħala osservatur li ma jivvutax.

7. Il-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ għandu jkun mgħejjun minn segretarju/a li għandu/ha j/tkun membru tal-persunal tas-CEPOL magħżul mill-Kumitat u maħtur mid-Direttur Eżekuttiv.

8. Il-Kumitat xjentifiku għat-Taħriġ, partikolarment:

   (a) jagħti parir lid-Direttur Eżekuttiv fl-abbozzar tal-programm ta' ħidma annwali u dokumenti strateġiċi oħra, biex jiżgura l-kwalità xjentifika tagħhom u l-koerenza tagħhom mal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni għas-settur;

   (b) jipprovdi opinjoni indipendenti u pariri lill-Bord Maniġerjali dwar kwistjonijiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu;

   (c) jipprovdi opinjoni indipendenti u pariri dwar il-kwalità tal-curricula, metodi ta' tagħlim applikati, alternattivi ta' tagħlim u żviluppi xjentifiċi;

(d) iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor ta' konsulenza relatat mal-aspetti xjentifiċi tal-ħidma tas-CEPOL b'rabta ma' taħriġ fuq talba tal-Bord Maniġerjali jew mid-Direttur Eżekuttiv.

9. Il-baġit annwali tal-Kumitat Xjentifiku għat-Taħriġ għandu jiġi allokat taħt intestitura baġitarja individwali tal-CEPOL.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 16

Il-baġit

1. L-istimi tad-dħul u l-infiq kollu tas-CEPOL għandhom jitħejjew għal kull sena finanzjarja, li tikkorespondi għas-sena kalendarja, u għandhom jidhru fil-baġit tas-CEPOL.

2. Il-baġit tas-CEPOL ikun ibbilanċjat f'termini ta' dħul u nfiq.

3. Mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħra, id-dħul tas-CEPOL jinkludi kontribuzzjoni mill-Unjoni, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

4. Is-CEPOL jista' jibbenefika minn fondi tal-Unjoni fil-forma ta' ftehimiet ta' delega jew ad-hoc u għotjiet eċċezzjonali skont ir-regoli finanzjarji tiegħu msemmija fl-Artikolu 20 u d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti rilevanti li jappoġġjaw il-politiki tal-Unjoni.

5. In-nefqa tas-CEPOL tinkludi r-rimunerazzjoni tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u ta' infrastruttura u kostijiet operatorji.

6. Impenji baġitarji għal azzjonijiet relatati ma' proġetti fuq skala kbira li jestendu fuq iktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti akkont annwali.

Artikolu 17

Stabbiliment tal-baġit

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv jabbozza dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u n-nefqa tas-CEPOL għas-sena finanzjarja segwenti, inkluż il-pjan ta' stabbilimnet, u jibgħatha lill-Bord Maniġerjali.

2. Il-Bord Maniġerjali, abbażi ta' dak l-abbozz, jadotta abbozz provviżorju tal-estimi tad-dħul u n-nefqa tas-CEPOL għas-sena finanzjarja ta' wara.

3. L-abbozz provviżorju ta' estimi tad-dħul u n-nefqa tas-CEPOL jintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar kull sena. Il-Bord Maniġerjali jibgħat l-abbozz finali tal-estimi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.

4. Il-Kummissjoni tibgħat id-dikjarazzjoni tal-estimi lill-awtorità tal-baġit flimkien ma' abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

5. Abbażi tad-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni ddaħħal l-estimi li hi tikkunsidra neċessarji għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont ta' sussidju li għandu joħroġ mill-baġit ġenerali fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li hi tressaq quddiem l-awtorità baġitarja skont l-Artikoli 313 u 314 tat-Trattat.

6. L-awtorita' tal-baġit tawtorizza l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea għas-CEPOL.

7. L-awtorità tal-baġit tadotta t-tabella tal-persunal tas-CEPOL.

8. Il-baġit tas-CEPOL jiġi adottat mill-Bord Maniġerjali. Huwa jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn neċessarju, huwa jkun aġġustat kif xieraq.

9. Għall kwalukwe proġett ta' bini li x'aktarx ikollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-baġit tas-CEPOL, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013[21] japplikaw.

Artikolu 18

Implimentazzjoni tal-baġit

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tas-CEPOL.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat, lill-awtorità baġitarja kull informazzjoni rilevanti għas-sejbiet ta' kwalunkwe proċedura ta' evalwazzjoni.

Artikolu 19

Il-preżentazzjoni tal-kontijiet u l-kwittanza

1. Sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja segwenti, l-uffiċjal tal-kontabilità tas-CEPOL jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

2. Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja segwenti, CEPOL jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

3. Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja segwenti, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tas-CEPOL ikkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri.

---

[21] ĠU L 328.7.12.2013, p.42

4. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tas-CEPOL, skont l-Artikolu 148 tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jħejji l-kontijiet finali tal-CEPOL. Id-Direttur Eżekuttiv jippreżentahom lill-Bord Maniġerjali għal opinjoni.

5. Il-Bord Maniġerjali jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tas-CEPOL.

6. L-uffiċjal tal-kontabilità tas-CEPOL jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord Maniġerjali sal-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja.

7. Il-kontijiet finali jkunu ppubblikati f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena segwenti.

8. Id-Direttur Eżekuttiv jibgħat risposta lill-Qorti tal-Awdituri dwar l-osservazzjonijiet tagħha sat-30 ta' Settembru. Id-Direttur Eżekuttiv jibgħat ukoll din it-tweġiba lill-Bord Maniġerjali.

9. Id-Direttur Eżekuttiv jippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla intoppi tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, skont l-Artikolu 165(3) tar-Regolament Finanzjarju.

10. Fuq Rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N+2, il-Parlament Ewropew se jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

Artikolu 20

Regoli finanzjarji

1. Ir-Regoli finanzjarji applikabbli għas-CEPOL ikunu adottati mill-Bord Maniġerjali wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Huma ma jitbegħdux mir-Regolament delegat (UE) 127/2013, sakemm tali tluq ma jkux meħtieġ b'mod speċifiku għall-operat tas-CEPOL u bil-Kummissjoni li tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

2. Is-CEPOL jista' jagħti għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ rigward il-kompiti msemmija fl-Artikolu 4, il-Paragrafi 2 u 3.

KAPITOLU V

PERSUNAL

Artikolu 21

Ġenerali

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni[22] u r-regoli adottati permezz ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jidħlu fis-seħħ dawk ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni japplikaw għall-Persunal tas-CEPOL.

Artikolu 22

Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju tas-CEPOL skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra.

2. Id-Direttur Eżekuttiv jinħatar mill-Bord Maniġerjali minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.

   Għall-fini li jiġi konkluż il-kuntratt mad-Direttur Eżekuttiv, is-CEPOL ikun rappreżentat mill-President tal-Bord Maniġerjali.

3. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv ikun ta' ħames snin. Sa tmiem dan il-perjodu, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni li tikkunsidra l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri tas-CEPOL.

4. Il-Bord maniġerjali waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragarfu 3 jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux iktar minn ħames snin.

5. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jisatx jipparteċipa fi proċedura tal-għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu komplessiv.

6. Id-Direttur eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss fuq deċiżjoni tal-Bord Maniġerjali li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni.

7. Il-Bord Maniġerjali jasal għal deċiżjoni dwar ħatra, estensjoni ta' mandat jew tneħħija mill-kariga ta' Direttur Eżekuttiv abbażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bi dritt għall-vot.

Artikolu 23

Esperti Nazzjonali Sekondati

1. CEPOL jista' juża esperti nazzjonali sekondati.

2. Il-Bord maniġerjali jadotta deċiżjoni li tistipula r-regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali mas-CEPOL.

---

[22] ĠU L 287, 29/10/2013, p. 15–62

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET MIXELLANJI

Artikolu 24

Status ġuridiku

1. CEPOL ikun korp tal-Unjoni. Huwa jkollu personalità ġuridika.

2. f'kull Stat Membru CEPOL igawdi mill-kapaċità legali l-aktar estensiva li tingħata lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet tagħhom. Huwa jista', partikolarment, jikseb u jiddisponi minn propjetà mobbli u immobbli u jkun parti fi proċeduri legali.

3. Is-sede ta' CEPOL tkun f'Budapest, l-Ungerija.

Artikolu 25

Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea japplika għas-CEPOL u l-persunal tiegħu.

Artikolu 26

Arranġamenti lingwistiċi

1. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Nru 1[23] japplikaw għas-CEPOL.

2. Il-Bord Maniġerjali jiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu dwar l-arranġamenti lingwistiċi interni tas-CEPOL.

3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-operat tas-CEPOL ikunu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 27

Transparenza

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 japplika għal dokumenti li jkollu s-CEPOL.

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005 tat-13 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958.

2. Fi żmien sitt xhur mid-data tal-ewwel laqgħa tiegħu, il-Bord Maniġerjali jadotta r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

3. Deċiżjonijiet meħuda mis-CEPOL skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jiffurmaw is-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew ikunu s-suġġett ta' azzjoni meħuda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont il-Kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 228 u 263 tat-Trattat rispettivament.

4. L-ipproċessar ta' dejta personali mis-CEPOL ikun suġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001[24].

Artikolu 28

Il-ġlieda kontra l-frodi

1. Sabiex tkun iffaċilitata l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illeċiti oħra skont ir-Regolament Nru 883/2013[25], fiż-żmien sitt xhur mill-jum meta CEPOL isir operazzjonali, huwa għandu jaċċeddi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[26] u jadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tas-CEPOL bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness ma' dan il-Ftehim.

2. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri jkollha s-setgħa tagħmel awditi, abbażi ta' dokumenti u ta' żjarat fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha ta' għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni mingħand is-CEPOL.

3. OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat mis-CEPOL skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96[27].

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, il-ftehimiet ta' għotja u d-deċiżjonijiet ta' għotja tas-CEPOL jinkludu dispożizzjonijiet li espliċitament jagħtu s-setgħa lill-Qorti Ewropea tal-

24 IR-REGOLAMENT (KE) NRU 45/2001 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta

25 IR-REGOLAMENT (UE, EURATOM) Nru 883/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999

26 Ftehim interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju tal-1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF); Il-Ġurnal Uffiċjali L 136, 31/05/1999 P. 0015 - 0019

27 Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra - ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2–5 (Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapitolu 09, Volum 01, p. 303 - 306)

Awdituri u lill-OLAF iwettqu dawn l-awditi u l-investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 29

Regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u dik nonklassifikata sensittiva

Is-CEPOL japplika l-prinċipji tas-sigurtà li jinsabu fir-regoli tas-sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-Informazzjoni Klassifikata tal-Unjoni Ewropea (EUCI), u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, kif stabbilit fl-anness tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom[28]. L-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sigurtà tkopri, inter alia, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħażna ta' tali infromazzjoni.

Artikolu 30

Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tas-CEPOL tkun irregolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt konċernat.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex tagħti sentenza skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż mis-CEPOL.

3. f'każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, CEPOL, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kull dannu kkaġunat minnu jew mill-persunal tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha jkollha ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet dwar kumpens għal kwalunkwe ħsara kif imsemmi fil-paragrafu 3.

5. Ir-responsabilità personali tal-persunal tas-CEPOL lejn is-CEPOL għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jew il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol applikabbli għalihom.

Artikolu 31

Evalwazzjoni u rieżami

1. Mhux iktar tard minn 5 snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 41 u kull 5 snin minn hemm 'l hemm, il-Kummissjoni tikkummissjona evalwazzjoni biex tivvaluta l-impatt partikolari, l-effikaċja u l-effiċjenza u l-prassi ta' ħidma tiegħu. L-evalwazzjoni għandha tindirizza b'mod partikolari l-ħtieġa possibbli li jiġi modifikat il-mandat tas-CEPOL, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

---

[28] ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONi tat-2 ta' Awwissu 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom
(2006/548/KE, Euratom)

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha dwar ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord Maniġerjali. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni jkunu ppubblikati.

3. Fl-okkażjoni ta' kull tieni evalwazzjoni, ikun hemm ukoll valutazzjoni tar-riżultati miksuba mis-CEPOL wara li jitqiesu l-objettivi, il-mandat u l-kompiti tagħha. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni tas-CEPOL ma għadhiex iġġustifikata fir-rigward tal-objettivi, tal-mandat u tal-kompiti tagħha, hija tista' tipproponi li dan ir-Regolament jiġi emendat jew revokat skont dan.

Artikolu 32

Inkjesta amministrattiva

L-attivitajiet tas-CEPOL ikunu suġġetti għall-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228 tat-Trattat.

Artikolu 33

Koperazzjoni mal-korpi tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

1. CEPOL ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li daħlu fi ftehimiet mal-unjoni għal dak l-iskop.

2. Sakemm ikun neċessarju għat-twettiq tal-output tiegħu, CEPOL jista' jistabbilixxi u relazzjonijiet koperattivi mal-korpi tal-Unjoni skont l-objettivi ta' dawk il-korpi, l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, istituti ta' taħriġ ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati.

3. Skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu żviluppati ftehimiet li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, il-manjiera u l-punt sa fejn il-pajjiżi terzi kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fix-xogħol tas-CEPOL, inkluż dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mis-CEPOL, kontribuzzjonijiet finanzjarji u persunal. F'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' persunal, dawk l-arranġamenti, fi kwalunkwe każ, jikkonformaw mar-Regolamenti tal-Persunal.

4. CEPOL jikkoopera mal-korpi tal-Unjoni kompetenti fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament u msemmija fil-paragrafu 2, fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' dawk il-korpi, skont dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI. Tali arranġamenti ta' ħidma jistgħu jkunu konklużi biss bl-awtorizzazzjoni tal-Bord Maniġerjali u jkunu rċevew l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 34

Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali u kundizzjonijiet operatorji

1. L-arranġamenti neċessarji dwar l-akkomodazzjoni li għandha tkun ipprovduta għas-CEPOL fl-Ungerija u l-faċilitajiet li għandhom ikunu disponibbli minn dak l-Istat Membru flimkien mar-

regoli speċifiċi applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għad-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Bord Maniġerjali, il-persunal tas-CEPOL u l-membri tal-familji tagħhom ikunu stipulati fil-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn is-CEPOL u l-Ungerija, konkluż wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord Maniġerjali u mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru ospitanti tas-CEPOL jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex jiżgura l-operat tas-CEPOL, inkluż skolarizzazzjoni multilingwa u orjentata lejn l-Ewropa u konnessjonijiet xierqa tat-trasport.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

Artikolu 35

Suċċessjoni legali ġenerali

1. CEPOL, kif stabbilit minn dan ir-Regolament, ikun is-suċċessur legali ġenerali fir-rigward tal-kuntratti kollha konklużi minn CEPOL, kif stabbilit bid-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI, kif ukoll għall-obbligi li jaqgħu fuqu u l-proprjetajiet akkwistati minnu.

2. Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-forza legali tal-ftehimiet konklużi mis-CEPOL kif stabbilit bid-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali konkluż abbażi tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI jkun terminat mid-data li fiha jkun applikat dan ir-Regolament.

Artikolu 36

Arranġamenti tranżizzjonali dwar il-Bord Maniġerjali

1. Il-mandat tal-membri tal-Bord Maniġerjali tas-CEPOL kif stabbilit abbażi tal-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI jkun konkluż fi … [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Il-Bord Maniġerjali stabbilit abbażi tal-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI matul il-perjodu bejn … [data tad-dħul fis-seħħ *ta' dan ir-Regolament]* u [data tal-applikazzjoni *ta' dan ir-Regolament]*:

   (a) jeżerċita l-funzjonijiet tal-Bord Maniġerjali kif imsemmi fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament;

   (b) jipprepara l-addozzjoni tar-regoli *għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fir-rigward tad-dokumenti tas-CEPOL imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament u* dwar l-obbligi ta' kunfidenzjalità u diskrezzjoni, u l-

protezzjoni ta' informazzjoni *sensittiva* u klassifikata tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(c) jipprepara kull strument neċessarju għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u

(d) *jirrieżamina r-regoli u l-miżuri interni adottati mill-Bord Maniġerjali abbażi tad-*Deċiżjoni 2005/681/ĠAI sabiex jippermetti lill-Bord Maniġerjali stabbilit skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament li jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 40 *tiegħu.*

Artikolu 37

Ftehimiet tranżizzjonali dwar id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal

